Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3198

17.12.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/3198**

**tas-16 ta’ Diċembru 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta’ Jannar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 ([1]).

(2) Fit-2 ta’ Frar 2024, fil-kuntest ta’ azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trasferiment paċifiku tal-poter fil-Gwatemala, inkluż tentattivi biex jinbidel l-eżitu leġittimu tal-elezzjonijiet tal-Gwatemala tal-2023 bi ksur tal-kostituzzjoni tal-pajjiż, l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-demokrazija, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/457 ([2]) li żiedet ħames persuni mal-lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/254.

(3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 tapplika sat-13 ta’ Jannar 2025. Fuq il-bażi ta’ rieżami ta’ dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sat-13 ta’ Jannar 2026.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/254, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-13 ta’ Jannar 2026.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254 tat-12 ta’ Jannar 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala (ĠU L, 2024/254, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/254/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/457 tat-2 ta’ Frar 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala (ĠU L, 2024/457, 2.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/457/oj).